# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# MAĠISTRAT
# DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Nru.: 241/2023 RM**

**Anita Zerafa**

**-Vs-**

**Karen Galea**

**Illum, 26 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Anita Zerafa fir-Reġistru fil-1 ta' Settembru 2023 fejn talbet sabiex Karen Galea tiġi kkundannata tħallasha s-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni skont l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta) wara li jiġi dikjarat illi l-messaġġi mibghuta mill-intimata fil-grupp bl-isem 'Xatt Nisa Biss' fuq il-pjattaforma socjali Messenger nhar is-sebgha (7) ta' Lulju 2023 (kopja ta' liema qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok AZ1) huma libellużi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u li għandhom bħala skop li joffendu r-reputazzjoni personali u professjonali tar-rikorrenti u jesponu lir-rikorrenti għar-redikolu u disprezzz.

Rat ir-risposta ppreżentat mill-konvenuta Karen Galea ippreżentat fit-18 ta' Ottubru 2023 fejn ġie eċċepit:-

*"1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti għandha tindika b'mod preċiż liema brani u/jew kummenti tqis libellużi u malafamanti fil-konfront tagħha;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi għandha tindika l-artikolu tal-liġi illi hija tibbaża l-odjerna azzjoni ai termini tal-kap.579 tal-Liġijiet ta' Malta*

3. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, il-meritu tal-proċeduri odjerni kienu ta' natura privata u għalhekk nieqsa mill-element ta' pubblicita' neċessarja;*

4. *Illi fil-mertu ,u mingħajr pregudizzju għall-premess, il-fatti esposti fil-messaġġi fuq il-pjattaforma soċjali 'Messenger ' fil-grupp bl-isem 'Xatt Nisa Biss' datati s-sebgħa (07) ta' Lulju 2023, (Dok.AZ1' mar-rikors promotur) ma jikkontjenux allegazzjonijiet foloz, iżda huma sostanzjalment veri; u ma hemm xejn libelluż u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti stante illi l-esponenti qatt m'għamlet l-ebda referenza għal isem ir-rikorrenti jew tat xi informazzjoni jew indikat li dak li kien qed jingħad kien qed jirreferi għall-istess rikorrenti u għaldaqstant, il-messaġġi tal-esponenti qatt ma jistgħu jitqiesu li kienu intiżi jew li kellhom l-iskop li joffendu r-reputazzjoni personali u professjonali tar-rikorrenti u/jew li jesponu lir-rikorrenti għar-redikolu u disprezz;*

5. *Illi, in oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost , il-kontenut tal-messaġġi lamentati jikkonsisti biss f'fatti vertiera u verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess ta' dawk kollha prezenti fil-grupp tal-pjattaforma soċjali 'Messenger' bl-isem 'Xatt Nisa Biss' u li għalhekk, jikkonsistu f'fair comment, kritika aċċettabbli f'soċjeta' demokratika u eżerċizzju tal-liberta' tal-espressjoni sanċita, inter alia, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

6. *Illi di piu, u bla ħsara għall-premess, jirriżulta indubitatament illi kienet ir-rikorrenti stess illi għajjret, inġurjat u offendiet lill-esponenti bil-kliem 'ja giddieba' fost oħrajn, fl-imsemmija messaġġi suċċitati lamentati mir-rikorrenti suċċitati' u dan kif propju jirriżulta minn Dok. AZ1 anness mir-rikors promutur stess;*

7. *Illi għaldaqstant, it-talbiet rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permissibli mil-Liġi.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti li hija minn issa inġunta in subizzjoni.”*

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2023 għall-fini tal-artikolu 10 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fejn ordnat lill-partijiet jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni liema proċess kellu jiġi konkluż fi żmien tliet xhur;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2023 fejn ordnat li l-kawża tissokta bis-smigħ tal-provi wara li ġiet infurmata li ma ntlaħaq ebda ftehim quddiem il-medjatur maħtur;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni finali fis-seduta tal-24 ta' April 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Il-partijiet huma kollegi tax-xogħol, entrambi *licensed port workers* impjegati mal-kumpannija Malta Freeport Terminals Limited.

L-attriċi ħassitha aggravata bil-messaġġi li ġew ippubblikati mill-konvenuta, Karen Galea, fil-*group chat* fuq Messenger bl-isem "*Xatt Nisa Biss*" fis-7 ta' Lulju 2023 (Dok. AZ1[1]), liema messaġġi tisħaq li huma diffamatorji fil-konfront tagħha.

[1] Mehmużin mar-Rikors promotur.

Il-messaġġi ntbagħtu fuq *group chat* fuq Messenger bejn il-ħaddiema nisa tax-xatt (*port workers*) liema *group chat* fih numru żgħir ta' membri[2]. Il-messaġġi ntbagħtu wara li l-konvenuta, li ma kienetx irrapportat għax-xogħol għaliex iddikjarat li kienet ma tiflaħx, tellgħet ritratti tagħha stess fuq Facebook li kienu juru li hija msiefra. Xi ħadd kien irrapporta lill-konvenuta b'mod anonimu lill-manager tal-ħaddiema tax-xatt billi bagħtlu r-ritratti li l-konvenuta kienet tellgħet hi stess fuq Facebook liema ritratti juru li kienet Sqallija fiż-żmien meta talbet tingħata *sick leave*. In segwitu ittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tal-konvenuta quddiem il-Port Workers Board bir-riżultat li ġiet sospiża mix-xogħol għal perijodu ta' żmien. Il-konvenuta, evidentement, iddeċidiet li kienet l-attriċi l-persuna li bagħtet ir-ritratti inkriminanti lis-superjuri tagħhom u fuq l-imsemmi *group chat*, bagħtet diversi messaġġi lill-kollegi tagħha.

Essenzjalment, il-konvenuta, fil-messaġġi li ppubblikat fil-*group chat*, liema messaġġi qed jiġu impunjati mill-attriċi bħala malafamanti, qed tilmenta bil-fatt li xi ħadd minn sħabha kollegi tax-xogħol fil-*group chat*[3], kixfitha mal-prinċipal tagħhom li għamlet dikjarazzjoni falza meta talbet *sick leave* iżda fir-realta' kienet imsiefra. Hija għajret lil din il-persuna '*ġakbin*', '*żibel*', li m'għandhiex tagħmel u ma tistħix.

Fost il-messaġġi indikati mill-attriċi bħala malafamanti, insibu:

"*Hello ladies, dawn il 12 ġurnata suspended swenmi biex ingawdi it tfal u immur il bahar maghhom u biex inkun naf min hawn gew hu gakbin tal kumitat u tal freeport. Kien hawn mara li batet ritratt tieghi li gie downloaded minn facebook lic chairman tax xatt biex tirraportani ghax kont sick. L-aqwa li skoprejt liema wahda kienet. Oqghodu attenti ghax minalikom li jkollkom il-hbieb hawn gew u ma jkollkomx*"[4].

---

[2] Ara xhieda tal-attriċi (paġna 45 tal-atti tal-kawża). Qatt ma nġiebet ebda prova dwar in-numru preċiż ta' membri f'dan il-*group chat*.
[3] Din il-persuna ġiet eventwalment identifikata minnha bħala l-attriċi Anita Zerafa.
[4] Paġna 2 tal-atti tal-kawża.

F'messaġġ ieħor, il-konvenuta irriferiet għal min irrapportaha bħala "*din il-brava*" u saħqet li min-naħa tagħha ma tkunx trid taqa' "*daqshekk fil-baxx*" u "*Trid tkun veru mandek x xtagħmel fil ħajja*" biex tirrapporta lil kollega tiegħek. Qalet ukoll li l-membri tal-Bord li dehret quddiemu "*jiddieħku bil-ħmerijiet li nibatu aħna*"[5], b'riferenza għar-ritratti tagħha li ntbagħtu anonimament lis-superjuri tagħha.

F'messaġġ ieħor, il-konvenuta qalet ukoll li dik il-persuna rrapportat mhux lilha biss iżda lil impjegati oħra tal-kumpannija:

"*Mhux se ngħid min hi. Laqwa li ħadet il message li qed taqa fil-baxx. Qazzithom hemm isfel tirrapporta nies u jkollhom jieħdu azzjoni bilfors*"[6]

Illi skont l-attriċi, Anita Zerafa, dakinhar stess li l-konvenuta bagħtet il-messaġġi fil-*group chat* fuq Messenger, 7 ta' Lulju 2023, xi ħadd avviċinaha biex jinformaha li l-konvenuta kienet qed twaħħal fiha li kienet hi l-persuna li għamlet ir-rapport li wassal biex ġiet sospiża mix-xogħol, u li l-messaġġi li l-konvenuta bagħtet fuq Messenger fir-rigward (mertu tal-kawża), kienu qed jirriferu għaliha.

Ftit tal-ħin wara, il-partijiet ikkonfrontaw lil xulxin waqt li kienu għadhom fuq il-post tax-xogħol u spiċċaw jiġġieldu bl-idejn[7]. Minħabba f'hekk, kienu ġew sospiżi mix-xogħol b'effett immedjat sakemm, diversi ġranet wara, bagħtu separatament lill-kumpannija dikjarazzjoni bil-miktub li l-kwistjoni bejniethom ġiet riżolta bonarjament u s-sospensjoni tneħħiet.

Wara l-ġlieda, dejjem fis-7 ta' Lulju 2023, il-konvenuta bagħtet messaġġ ieħor fuq ic-*group chat* fuq Messenger fejn indirizzat direttament lill-persuna li allegat li kixfitha lis-superjuri tagħhom u għamlet riferenza għall-ġlieda:-

"*Ġejt tagħmel xenata quddiem dawk l-irġiel kollha. Insomma wiċċek u sormok xorta.*

[5] Ara messaġġi f'paġna 5 tal-atti tal-kawża.
[6] Paġna 7 tal-atti tal-kawża.
[7] Ara filmat Dok. LS1.

*Għeżież nisa diż żibel ġiet għalija quddiem il-gate.*
*Għidilhom xqatt għamiltlek ħażin lilek.*
*Jekk tajtekx fastidju*
*Għamilli pjaċir u lil tkellimnix*
*Mhux b'ta xejn ħadd ma jaħmlek.*
*Lanqas tistħi tajjat quddiem dawk l-irġiel kollha*
*Tgħid mhux se tbeżżani.*
*Issa tafu min qed jagħmel il-ħsara.*
… … …
*Sabitni quddiem il-Gate u ġejja tagħti wkoll.*
*Isa @Anita Zerafa ejja missni prova*"

Hekk kif il-konvenuta irriferiet għall-attriċi b'isimha[8], l-attriċi weġbitha u sfidatha biex iġġib provi li kienet hi li rrapportatha, u għajritha "*giddieba*".

Illi m'hemmx dubju, għaliex huwa ovvju għall-qarrej tal-messaġġi mibgħuta mill-konvenuta, li permezz tal-messaġġi appena ċitati, l-attriċi ġiet identifika b'isimha lil kull membru tal-*group chat* bħala l-persuna li skont il-konvenuta fil-messaġġi tagħha, kienet irrapportaha lill-prinċipal tagħhom u l-persuna li fir-rigward iddesrivietha bħala 'ġakbin', 'żibel' u bħala persuna li m'għandhiex tagħmel u li ma tistħix.

Għaldaqstant, safejn il-konvenuta eċċepiet fir-raba' paragrafu tar-Risposta illi hija qatt ma għamlet riferenza għall-attriċi fil-messaġġi pubblikati fil-*group chat* '*Xatt Nisa Biss*' u konsegwentement l-attriċi m'hijiex identifikata fil-pubblikazzjoni, l-eċċezzjoni hija ħażina.

Ikkunsidrat;

[8] Paġna 10 tal-atti tal-kawża.

Illi l-Qorti sejra tibda biex tittratta t-tielet eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuta dwar in-nuqqas tal-element tal-pubblikazzjoni in vista tal-fatt li l-messaġġi mibgħuta mill-konvenuta fuq Messenger, intbagħtu lil numru żgħir ħafna ta' persuni.

L-artikolu 3(3) tal-Att jiddisponi li l-azzjoni ċivili għal malafama taħt dan l-Att tista' tittieħed dwar kull ħaġa ppubblikata fil-midja, u l-malafama hija mfissra bħala komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna. Minn dan il-Qorti tifhem li l-azzjonabbilita' tal-malafama tistrieħ fuq il-prova tal-kriterju fondamentali tal-pubblikazzjoni tal-malafama permezz ta' komunikazzjoni bil-midja, ta' kliem li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Dan ifisser illi jeħtieġ f'kull każ, għall-prova tad-diffamazzjoni, li jiġi stabbilit li l-malafama ġiet effettivament **ippubblikata**.

"Pubblikazzjoni" hija mfissra fl-Att bħala "*kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun* ***komunikata lil*** *jew* ***tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni*** *jew li bih kliem jew immaġni viżwali* ***jiġu disseminati***"[9], filwaqt li "*midja miktuba*" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici *online* kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz *offline* mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi, u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti.

Fir-rigward ġie ritenut:-

"*There are no limitations on the manner in which the defamatory material may be published. Any act which has the* ***effect of transferring the defamatory information of a third person****, constitutes a publication.*"[10].

---

[9] Enfasi tal-Qorti.
[10] **Stanley v. Shaw** (2006) BCCA 467, 23.

L-element tal-pubblikazzjoni, għalhekk, jiġi sodisfatt bil-prova li l-malafama permezz ta' midja miktuba jew immaġni viżwali tiġi jew tista' tiġi komunikata lill-persuna aggravata kif ukoll lil talanqas lil persuna waħda oħra. Il-pubblikazzjoni lil persuna waħda oħra apparti l-persuna aggravata nnifisha hija suffiċjenti biex issejjes l-azzjoni għal malafama, purche' l-pubblikazzjoni tal-malafama hija kapaċi tikkaġuna jew ikkaġunat ħsara serja lir-reputazzjoni tal-istess persuna aggravata[11].

Applikat dan għall-fattispeċje tal-malafama taħt skrutinju f'din l-azzjoni, huwa evidenti u f'kull każ mhux kontestat, illi l-messaġġi impunjati ġew ippubblikati fuq *group chat* bl-isem "*Xatt Nisa Biss*" li fih huma membri mhux biss il-partijiet kontendenti iżda wkoll minn tal-inqas sitt persuni oħra, skont kif del resto jirriżulta minn eżami ħafif ta' Dok. AZ1. Għalhekk, l-element tal-pubblikazzjoni huwa sodisfatt.

Għandu jingħad illi l-pubblikazzjoni lil numru żgħir ta' persuni, bħalma huwa l-każ hawnhekk, huwa fattur materjali mhux għall-prova tal-element tal-pubblikazzjoni, kif żbaljatament ġie eċċepit mill-konvenuta, iżda għad-determinazzjoni dwar l-impatt ta' ħsara serja u kwindi għall-prova tal-element diffamatorju. Dan qed jingħad għaliex pubblikazzjoni limitata ħafna taf tinnewtralizza l-prova tas-serjeta' tal-ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata.

Skont Gatley:-

"*However, where the publication is to a small number of people, any claim risks being struck out as an abuse of process ... a claimant will have to establish that the statement complained of has caused, or is likely to cause, serious harm to his reputation which may be difficult where the publication is limited ... the scale of publication will of course affect the damages.*"[12]

---

[11] Il-parti materjali tal-kawżali f'azzjoni ta' libell hija l-pubblikazzjoni tal-kitba, u mhux il-kitba *per se*.
[12] *Ibid.* 6.2 p. 189.

Fil-każ in diżamina, mad-daqqa t'għajn jirriżulta illi kienu ftit biss il-persuni li rċevew il-messaġġi tal-konvenuta u għalhekk, il-pubblikazzjoni l-entita' tal-ħsara lir-reputazzjoni diġa' hija b'hekk ferm ristretta. Iżda l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tista' tintlaħaq anke jekk il-malafama ġiet ippubblikata lil numru żgħir ta' qarrejja jew udjenza limitata, jekk jintwera li d-diffamazzjoni hi dwar imputazzjoni ta' natura gravi li hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja, ngħidu aħna fejn hi kapaċi tħassar xi prospetti kummerċjali jew ikollha riperkussjonijiet finanzjarji jew ekonomiċi fuq il-persuna aggravata, fosthom fuq il-professjoni jew l-impieg attwali jew prospettiv tal-persuna[13].

Għalhekk, it-tielet eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuta wkoll għandha tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat;

Qabel xejn għandu jiġi senjatat li l-Qorti m'hijiex imsejħa f'din l-azzjoni biex tistabbilixxi jekk huwiex minnu li l-konvenuta tassew għamiltx dikjarazzjoni falza lis-superjuri tagħha biex tibbenefika minn *sick leave*, għaliex il-materja diġa' ġiet determinata mill-Bord tal-Ħaddiema tax-Xatt fil-proċeduri dixxiplinarji meħuda fuq ir-rapport li sar fil-konfront tagħha u f'kull każ m'hijiex rilevanti għall-element diffamatorju tal-pubblikazzjonijiet impunjati.

L-attriċi tinnega li kienet hi l-persuna li kixfet lill-konvenuta u tisħaq li l-konvenuta xlietha inġustament quddiem il-kollegi tagħha bħala traditur. Da parti tagħha l-konvenut saħqet li dak li ġie pubblikat minnha huwa sostanzjalment veru, iżda qabel tgħaddi biex tistħarreġ id-difiża tal-verita' tal-fatti sollevat mill-konvenuta fir-Risposta, għandha fl-ewwel lok tistabbilixxi l-imputazzjoni li titnissel mill-messaġġi tal-konvenuta moqrija flimkien, u jekk dik l-imputazzjoni hijiex waħda diffamatorja.

Biex l-azzjoni għal malafama tirnexxi, il-persuna aggravata għandha tipprova illi l-imputazzjonijiet imnissla mill-istqarrijiet impunjati, huma diffamatorji. Skont l-

---

[13] Dan il-punt ġie diskuss fid-deċiżjoni **Howe & Co. v. Burden** (2004), EWHC 196 (QB).

artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.

Għalkemm il-ligi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, il-prova tar-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja hi fondamentali għall-azzjonabbilita' tal-malafama, liema rekwiżit jimponi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success tal-azzjoni minn dak li kien meħtieġ taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248), u dan bl-intiża speċifika li jitkompla jissaħħaħ u jiġi mħares il-jedd tal-liberta' tal-espressjoni u jiġi rikonoxxut l-importanza suprema ta' dan il-jedd.

Illi bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja (u telf finanzjarju serju fil-każ ta' korp li jopera għal profitt) għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni jew il-potenzjalita' ta' impatt bħal dak**. Għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[14].

Skont Duncan and Neil, 'On Defamation', "*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it*

[14] *Ibid*. para. 21 tad-deċiżjoni.

*is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[15]

Ikkunsidrat;

Kif ingħad diġa', l-attriċi tisħaq li l-malafama tinsab fl-akkuża falza li kienet hi li rrapportat lill-konvenuta lis-superjuri tagħhom, kif ukoll fix-xilja li hija ta' sikwit tirrapporta lil sħabha tax-xogħol[16] – akkużi li l-attriċi tisħaq illi minħabba fihom il-kollegi tagħha warrbuha u ma għadhomx iġibu ruħhom bl-istess mod magħha, tant illi tħossha diffiċli taħdem f'ambjent fejn sħabha ma jafdawhiex iktar.

Tabilħaqq il-Qorti fehmet li l-attriċi ħassitha aggravata mhux tant bil-kliem offensiv li ġie indirizzat lilha fil-messaġġi, iżda bil-fatt li l-konvenuta xlietha mal-kollegi tax-xogħol tagħhom, li kienet il-persuna anonima li rrapportatha lill-manager tagħhom u minħabba fiha kienet ġiet sospiża mix-xogħol, meta dan mhux minnu u b'hekk kixfitha bħala persuna ġakbina.

Il-kelma "ġakbin" hija assoċjata ma' tradiment: ġeneralment, meta persuna tiġi deskritta bħala ġakbina, il-konnotazzjoni hi ta' persuna faċċjola u traditur. B'mod ġenerali jingħad illi l-użu ta' kelma bħal din jista' jinftiehem f'sens diffamatorju bħala attakk fuq aspett tal-karattru morali tal-persuna agrravata li twassal imputazzjoni ta' diżonesta', ipokrisija jew żlealta'[17] u minn dan l-aspett jista' jkollu l-effett ta' "... *lower*(ing) *the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society*

---

[15] Page 34 4.08. Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-istatus tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. *Ibid.* para. 4.13, page 35/36.

[16] "*Għax din mhux lili biss tagħmilha*" (paġna 5) u "*Qażżithom hemm isfel tirrapporta nies u jkollhom jiħedu azzjoni bilfors.*" (paġna 7)

[17] Collins, ibid., p. 128 6.56. Ara wkoll Gatley, *ibid*, li jiċċita d-deċiżjoni fil-każ Cook v. Telegraph (2011) EWHC 1134 (QB) f'paġna 57.

*generally*"[18] u "*in all the circumstances would be likely to affect a person adversely in the estimation of reasonable people generally*"[19].

Il-kriterji li għandhom jiġu applikati biex tiġi determinata l-imputazzjoni mnissla mill-pubblikazzjoni impunjata ġew imfissra hekk fid-deċiżjoni ċelebri fil-każ **Jeynes v. News Magazines Ltd.**, fejn fost kriterji oħrajn rilevanti insibu wkoll:

"*... (6) The hypothetical reader is taken to be representative of those who would read the publication in question. (7) In delimiting the range of permissible defamatory meanings, the court should rule out any meaning which 'can only emerge as the produce of some strained, or forced, or utterly unreasonable interpretation ...' (8) It follows that it is not enough to say that by some person or another the words <u>might</u> be understood in a defamatory sense." ...*"[20] (enfasi ta' din il-Qorti)

Il-qarrej ordinarju u raġjonevoli ("*the ordinary, reasonable reader*") għandu jitqies bħala persuna b'intelliġenza, esperjenza u ta' edukazzjoni ordinarja:-

"[he is] *neither perverse nor morbid nor suspicious of mind, nor avid for scandal. They do not live in ivory towers and can and do read between the lines in the light of their general knowledge and experience. They do not engage in over-elaborate analysis in the search for hidden meanings, nor do they adopt a strained or forced interpretation. They are not lawyers and their capacity for implication may be greater than that of lawyers.*"[21]

**Applikat din it-tifsira għall-isfond li fih il-konvenuta bagħtet il-messaġġi impunjati f'din il-kawża, l-imputazzjoni mnissla mill-messaġġi tal-konvenuta meħudin komplessivament u li tinftiehem minn persuna ordinarja u raġjonevoli, hi li l-attriċi hija l-ispjun li kixfet lil kollega tagħha mal-prinċipal tagħhom illi**

---

[18] **Sim v. Stretch**, per Lord Atkin, (1936) 2 All ER 1237 (House of Lords).
[19] Collins, ibid. 6.12, p. 117.
[20] **Jeynes v News Magazines Ltd** [2008] EWCA. Enfasi tal-Qorti.
[21] **Hockey v. Fairfax Media Publications Pty Ltd**. (2015) FCA 652.

**kienet għamlet dikjarazzjoni falza biex tibbenefika minn *sick leave*, u hija persuna żleali li ma taħsibhiex darbtejn biex tittradixxi lil kollegi tagħha lill-kumpannija li timpjegahom jekk issir taf b'xi nuqqasijiet fil-kondotta tagħhom fuq ix-xogħol.**

Iżda għalkemm huwa minnu li imputazzjoni ta' diżonesta' u ipokrisija għandha titqies li fiha tifsira inerentement diffamatorja, għaliex kondotta bħal dik tnissel stmerrija f'persuni raġjonevoli b'mod ġenerali fi kwalsiasi ċirkostanza, il-Qorti ma taqbilx li l-messaġġi tal-konvenuta meħudin individwalment jew komplessivament, jistgħu jinftiehmu li jwasslu imputazzjoni ta' diżonesta' u ipokrisija fl-attriċi. Dan qed jingħad għaliex mhux il-każ - peress li ma jirriżultax - illi l-attriċi wriet ħaġa b'oħra jew gidbet lill-kollegi tagħha, u ma jirriżultax lanqas li ikkommettiet hija stess xi ksur bħal dak li dwaru allegatament irrapportat lill-konvenuta. Ma hemmx prova li l-kollegi fil-*group chat* kienu ftiehmu li ma jirrapportawx lil xulxin jew għamlu xi patt ta' omerta'. Kemm hu hekk, membru fil-*group chat* bl-isem ta' 'Brenda'[22] tat x'tifhem li taqbel li l-aġir irregolari tal-konvenuta kien jistħoqqlu jiġi rapportat, meta qalet: "*Ikunu sick u joħroġu barra alek tidħku??*". Fuq kollox, ma hemm xejn fil-messaġġi impunjati li jagħti x'jifhem li l-persuna li rrapportat l-irregolarita' għamlet dan minħabba mottivi mhux xierqa jew biex tikseb xi vantaġġ għaliha jew li aġixxiet mingħajr ma verifikat il-fatti sew: għall-kuntrarju, tabilħaqq huwa indiskuss illi l-konvenuta kienet, fl-aħjar ipotesi għaliha, imxiet bi ksur tar-regoli tal-post tax-xogħol tagħha u dan kif del resto ġie ppruvat bix-xhieda ta' Ramon Mizzi u Ryan Fava.

Iżda kif taraha l-Qorti, anke jekk il-messaġġi tal-konvenuta li jwasslu l-imputazzjoni, jikkonċernaw lill-attriċi u jirriferu għaliha, din l-imputazzjoni, fil-każ konkret, m'hijiex waħda diffamatorja. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-attriċi, jekk kienet tassew il-persuna li rrapportat lill-konvenuta lis-superjuri tagħha fuq il-post tax-xogħol, ma tistax titqies li mxiet bi ksur ta' xi regola tal-kondotta jew tal-etika, u lanqas li aġixxiet b'mod illegali jew immorali: l-imputazzjoni, anziche' dwar xi

---

[22] Il-Qorti fehmet li Brenda hija Brenda Mallia, il-persuna li kienet waqqfet hi stess dan ic-*chat group* – ara kontro-eżami tal-attriċi Anita Zerafa, 8 ta' Jannar 2025.

kondotta li hija illeċita jew ħażina, hi dwar ksur ta' regoli ta' *etiquette* fost dawk il-kollegi tax-xogħol li jippretendu ċertu omerta' biex ma jikxfux lil xulxin fejn ma jimxux skont il-kundizzjoniiet tal-impieg jew ir-regoli tal-post tax-xogħol, u li jaqbżu għal xulxin.

In materja, ingħad:

"*Is it defamation? ... There is a distinction between imputing what is merely a breach of conventional etiquette, and what is illegal, mischevous or sinful-between, in fact, matters of taste and matters of crime.*"[23]

Ukoll:-

"*... it seems clear that one can draw a distinction between mere breaches of etiquette on the one hand and breaches of professional ethics or codes of conduct on the other: the latter are actionable even if the former are not.*"[24]

Għalhekk, anke jekk l-azzjoni ta' min irrapporta illegalita' ta' kollega tax-xogħol tiegħu jammonta, f'għajnejn uħud mill-membri tal-grupp ta' ħaddiema nisa tax-xatt – li kienu l-uniċi persuni li rċevew l-allegat malafama - għal kondotta mhux etika għaliex dak li jkun jitqies bħala traditur, ma jfissirx li l-kondotta hija waħda diżonorabbli jew immorali jew illegali f'għajnejn is-soċjeta' in ġenerali u f'għajnejn il-qarrej ordinarju u raġjonevoli ("*a right-thinking person*") fost il-persuni li lilhom ġie pubblikat il-malafama fil-kuntest li fih intbagħtu.

Ġie ritenut b'awtorita' illi fejn l-allegat malafama tikkonsisti fi ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata fost grupp ta' persuni li jħaddnu prinċipji jew valuri li f'għajnejn il-komunita' in ġenerali, jitqiesu bħala immorali, mhux etiċi, anti-soċjali jew illegali, il-malafama m'hijiex azzjonabbli.

---

[23] Gatley, *ibid.*, 2.20, p. 57.
[24] Angel v. Bushell (1968) 1 Q.B. 813-825.

"*We can only regard the estimation in which a man is held by society generally*".

Fid-deċiżjoni **Readers Digest Services Pty Ltd. v. Lamb**[25], ċitat minn Collins[26], ingħad hekk:

"*The defamatory nature of an imputation is ascertained by reference to general community standards not by reference to sectional attitudes. But if the imputation is defamatory according to the standards of the community generally, a particular impact of the defamatory imputation may be proved.*"

Konformement ma' dan l-insenjament, fil-każ **Bryne v. Deane**[27], kien ġie deċiż li l-imputazzjoni li l-persuna aggravata, membru ta' klabb, wassal informazzjoni lill-Pulizija dwar magni tal-logħob illegali li kienu jintużaw mill-istess klabb fl-istabbiliment li minnu kien jopera, ma kienetx diffamatorja.

Fir-rigward ġie osservat illi:-

"*... this meaning was not capable of being held to be defamatory, no matter how trivial or morally lacking in culpability was the offence. The standard to be applied was that of 'right-thinking men' not that of the criminal class who might take a different view of informers.*"[28]

Din il-pożizzjoni hija wkoll dik ta' Duncan and Neil:-

[25] (1982) 150 CLR 50 (HCA).
[26] Collins on Defamation (2014 Ed.) p. 124, f.n. 87.
[27] 1937, 1 K.B. 818 CA. Ċitat f'*Landmark Cases in Defamation Law*, 2019 (Edited by David Rolph),
[28] *Ibid.* p. 65.

"*the standard by which the <u>gravity</u> of the meaning is to be judged, and whether it has a defamatory tendency, ought to be that of reasonable members of society generally.*"[29]

Meħuda mill-ottika tal-persuna ordinarja u raġjonevoli, l-imputazzjoni m'hijiex waħda li hija gravi jew serja u l-Qorti ma tista' qatt taqbel mal-attriċi li r-reputazzjoni personali u jew ir-reputazzjoni professjonali tagħha seta' ġarrab xi ħsara sempliċement għaliex ġie allegat li hija rrapportat irregolarita' jew illegalita' kommessa mill-konvenuta għad-detriment tal-kumpannija li timpjegahom (u fl-aħħar mill-aħħar għad-detriment ukoll tal-impjegati l-oħra kollegi tagħha fuq il-post tax-xogħol). Huwa ovvju li l-attriċi ħassitha aggravata għaliex il-konvenuta waħħlet fiha bħala l-persuna li kixfitha u rrapportatha lis-superjuri tagħhom, meta dan mhux minnu, iżda kif rajna, mhux kull allegazzjoni li hija inveritiera hija wkoll diffamatorja.

Filwaqt li, kif inhu risaput, teżisti presunzjoni tal-falzita' ta' stqarrijiet li jiġu impunjati bħala malafamanti, għandu jiġi ppreċiżat li mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament diffamatorja għaliex kif ġie stabbilit diġa', skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artikolu 3(4), biex stqarrija titqies bħala diffamatorja irid jiġi ppruvat mill-persuna aggravata u li tkun għamlet l-azzjoni għal malafama, illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha. Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ma jirriżultax li fiċ-ċirkostanzi l-imputazzjoni li saret bil-messaġġi pubblikati mill-konvenuta, għandha tifsira diffamatorja. Konsegwentement, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tindaga wkoll dwar it-tieni kriterju għall-prova tad-diffamazzjoni, ċioe' jekk ġiex ippruvat l-impatt ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attriċi u tista' tieqaf hawn fl-istħarriġ tagħha.

**Għal dawn il-motivi kollha u filwaqt li tiċħad it-tielet eċċezzjoni u r-raba' eċċezzjoni safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż u filwaqt li tiddikjara wkoll li ma ġiex ippruvat l-element diffamatorju tal-pubblikazzjonijiet**

29 *Ibid.*, – 4.13, p. 35.

**impunjati, tiċħad it-talba ta' Anita Zerafa fir-Rikors, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attriċi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**